Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 4
## It-Tnejn 26 ta'Awissu 2019

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku <Harget fit-8:20pm>
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier <Hareg fit-8:10pm>
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maurice Agius : Kunsillier

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

04.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il mejda ittra ta apoloġija tas-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta'apoloġija

### 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-03 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni fil minuti 03.4.03 u 03.5.16
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

### 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

4.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret iċ-ċerimonja u l-iffirmar tal-ftehim għall manutenzjoni bejn l-awtorità tad-djar u l-amministraturi tal- blokki residenzjali tal-gvern magħżula għat tieni-iskema.

4.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa ma' delegazzjoni mill Bulgarija u Ungerija flimkien ma' voluntiera KOPIN fejn ġew diskussi ideat ta' kif il-kunsill jista' jimxi ma residenti barranin fil-lokalita. Dawn wara ġew mistiedna biex jattendu għall attività Sajf fil-Pjazza.

4.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti u tgħat dettalji dwar il-LESA Culture Funds fejn talbet lill kunsilliera preżenti jwasslu is-suġġerimenti tagħhom fis-seduta li jmiss.

4.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li n-ntbagħtu diversi ċirkulari lill kunsilliera dwar laqgħat u korsijiet u talbet biex min huwa nteressat u għandu jieħu ħsieb u jikkonferma.

4.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma rappreżentanti tal-MEPA dwar il-Fondi għall l-żvilupp fejn spjegat li l-kunsill ġie nfurmat li minkejja il-kunsill ppreżenta numru ta'proġetti qabel ma spiċċat is-sena 2018 , il-bord ta'dawn il-fondi xorta għadda ammont mil-fond tal-Imsida u kunsilli oħra għall żvilupp tal-parkeġġ tal-Università. Hawn kompliet tispjega li dan ma' hux aċċettabbli u li se tikkontesta din id-deċiżjoni għax ma ħallewx fondi biżżejjed biex issiru il- proġetti tal-kunsill.

4.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma rappreżentanti tal-Greenpak fejn ġew diskussi oqsma ta'kollaborazzjoni fosthom inizjattivi edukattivi u l-possibilità li tiżdied ġurnata oħra għall-kollezzjoni ta' materjal għar riċiklaġġ

4.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma rappreżentant tal-kuntrattur tal-knis fejn ġew diskussi diversi nuqqasijiet u li wissiet lill kuntrattur biex jieħu ħsieb bis-serjetà jew il-kunsill ikollu jieħu passi meħtieġa biex iħares l-interessi tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ppropona lill kuntrattur biex jibdew ssiru spezzjonijiet fil-ġurnata bejn ir-rappreżentant tal-kunsill u il-Forman tal-kuntrattur dawn kienu msemmija f'ittra uffiċjali l-intbagħtet lill kuntrattur.

### 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

4.4.01 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (3.3.02) u staqsa jekk il-kunsill jistax jkun involut dirett biex jirrapporta mal-pulizija ismijiet ta' nies li jkunu għamlu abbuż flok ir-residenti. Staqsa wkoll dwar possibilità li jitwalu aktar tabelli tal iskart.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ebda persuna ma tista' tixhed fuq dak li ma tkunx rat. Filwaqt li dwar it-tabelli li hemm dawn rridu jinbidlu għax inbidlet il-leġislatura filwaqt li-Is-Sindku għanda proposti f'dan ir-rigward għall pjan ta'ħidma tal-kunsill li se jkun diskuss waqt din is-seduta.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li hemm wkoll xi proposti mir-reġjun biex ssir kollaborazzjoni mal-MTA biex ikunu identifikati dawk il-blokki residenzjali reġistrati għall kiri lill-barranin u l-amministratur tagħhom. Filwaqt li qed tara meta tista' ssir il-laqgħa mar-residenti u sidien tal-ħwienet fi-triq Esperanto u toroq l-oħra ta'zona.

Is-Sur Emanuel Brincat ssuġġerixxa li ssir verifika fuq il-liġi tal kera dwar jekk jistax ikun hemm qsim ta' informazzjoni fuq it-tip ta'kera.

Is-Sur Alfred Farrugia ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm gzuz ta'boroż go ta'Xmiexi

4.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (3.4.03) u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp mid-dipartiment
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li id-dipartiment bagħat uffiċjalment ir-risposta tiegħu biex ikun analizzat il-proċess kollu ta'kif jiġu verifikati il-kontijiet u wara jintbagħat rapport dettaljat kif jiġi finalizzat il-proċess kollu.
Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera li ġa ftiehem mal-perit biex tibda ssir il verifika. Ma dan kompla jispjega li dan għandu ammont sostanzjali ta'kontijiet li l-kunsill għadu ma ħallasx u għalhekk se jara li dawn jibdew jiġu proċessati u jinżammu biss dawk l-ammonti li huma konfermati li kienu ħżiena u jridu jingħataw lura lill Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

4.4.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai  għamlet referenza għall minuti (3.4.13) dwar konfuzjoni fit-traffiku  go triq it-Torri , L. Zamenhof u ta' Xmiexi fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li qed tipprova tikkordina din il-laqgħa għall Settembru.

4.4.04 Is-Sur Emanuel Brincat għamel referenza għall minuti (3.4.20) u għarraf lill kunsilliera preżenti li- disabled parking go triq il-Hriereb se titwessa.

4.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (3.4.19) u talab biex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex barra il jlesti il bankina temporanja jagħmel aktar sigurtà fid-daħla tal binja go Triq Clarence.

4.4.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai  għamlet referenza għall minuti (3.4.23) dwar il-ħmieġ li hemm go daħla taħt Triq Achille Ferris u se tara biex forsi ssir laqgħa mas-sidien.

4.4.07 Is-Sur Alfred Farrugia għamel referenza għall minuti (3.5.01) u staqsa jekk sarx xi haġa dwar l-arblu li ilu aktar min sentejn fil ġnien San Guzepp

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li kellem lill membru tan-nar u qallu li se jiġi u jieħdu

4.4.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti (3.4.23) fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni biex ssir xogħol fuq l-Għajn tal-Ħasselin taħt l- Skema għar-Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta u

4.4.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti (3.5.12) fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li saret talba mal-MESDEC biex F'Misraħ San Guzepp ssir spazju bil-fence ħalli sidien tal-klieb ikunu jistgħu iħallu il-klieb għall ftit mhux marbuta biċ-ċinga u dawn aċċettaw.

4.4.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti (3.5.13) dwar il-proġett tal-fly over fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li l-proposta biex ħdejn il-monument go Misraħ 5 ta'Ottubru jibqa' spazju miftuħ u ssiru alterazzjonijiet żahar biex jinkludi wkoll spazju għall muturi fil parkeġġ propost ġew aċċettati.

4.4.11 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk jistax ssir xi haġa dwar it-tectiles li hemm mal-pedestrian crossing fi Triq Mikiel Anton Vassalli.

Is-Segretarju ħa nota u se jiċċekkja fuqha.

4.4.12 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet dwar l-stat tal bankina ħdejn it-traffic lights u il-pedestrian crossing go Triq Xatt l-Imsida K/m Triq Qrejten ma l-stage kulleġġ u talbet biex jerġgħu ssiru flood lights biex juru aħjar li hemm pedestrian crossing.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ma kienx hemm Flood lights fuq il-pedestrian Crossing
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li l-ħsara ilha tiġi rappurtata lill TM u IM min wara il-festa u se jieħu nota dwar il-flood lights u se jipprova jiċċekkja

4.4.13 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (3.4.21) dwar problema ta resident go Triq L-Irmiġġ biex jitla targa għall ġewwa u staqsa jekk tistax ssir rampa.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li t-talba kienet biex t'għola il-bankina iżda mar fuq il-post u ħa xi-ritratti u jidher li l bankina ġa hija għolja u jekk din tiġi sa it-targa se tkun għolja wisq u hemm bżonn tinstab soluzzjoni oħra biex ngħinu lill dawn ir-residenti.

4.4.14 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk sarux xi rapporti fuq kuntratturi li qed jarmaw go Triq Isqof Caruana bla permess

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb jistax jgħid jekk daħalx xi rapport speċifiku ħlief fuq ħsara li saret fuq bankina quddiem residenza li is-sid ġiet tagħmel ilment u fejn kellem lill kuntrattur biex jieħu ħsieb jirranġa. Biss jinsab mgħarraf li ġieli kien hemm kuntrattur li qabad u ħadem bla permess filwaqt li l-kuntrattur l-ieħor ikun b'il- permess. Meta jidħlu rapporti bħal dawn jiġu mgħoddija lill-LESA permezz ta'telefonata u normalment uffiċjali imorru fuq il-post u jagħtu multi u anke jordnaw biex iżżarmaw sakemm ma jkunx konkos.

4.4.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk sarux xi rapporti fuq ħruġ ta'skart barra il-ħinijiet normali min- guest house go Triq it-tabib Naudi ma Mons Dandria.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma jidhirx li saru rapporti.

4.4.16 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem fuq email dwar il-limitazzjonijiet u diffikultà biex toħroġ mis-Swatar u staqsa jekk tistax ssir xi haġa dwar dan.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

4.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fhiex wasal it-tfassil tal-Bye law fuq ix-xorb alkoħoliku.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din suppost lesta u qed jipprova jikkordina mal-avukat biex jiġi il-kunsill.

4.4.18 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem u staqsa jekk jistax il-kunsill jaqla siġra perikoluża u maqluba ħdejn il-ġibjun go triq il-Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jara jitlobx parir u l-assistenza tal-kuntrattur

## 4.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

4.5.01 Il-Kunsilliera Preżenti għamlu diskussjoni fuq punti għall proposti skond ir-responsabiltà li għandhom biex dawn ikunu jistgħu jiġu inklużi fil programm ta'ħidma għall din il-leġislatura

4.5.01a **Ambjent / Dawl ta'Ġonna , Manutenzjoni ta'Ġonna , Funtani, Bust u Monumenti / Postijiet pubbliċi.**

Alfred Farrugia. Xogħol Immedjat fil-ġonna inkluż żbir ,tisqija ,manutenzjoni ta' bankijiet u funtani
Funtani ta'taħt l-art
Aktar aċċess fil-bandli u il-ġonna għall nies b bżonnijiet speċjali
Bins li jistgħu jiġu wżati anke għar-reklamar inkluż dawk diġitali u jaħdmu bid-dawl

Clean up day u għoti ta-demm fil kalendarju tal-komunità lokali
Roof Gardens / Front garden u kompetizzjoni
Ġonna għall komunità bi-skop li jieħdu ħsiebhom ir-residenti.
Ġurnata bla karozzi u ssir attività sportiva.

4.5.01b **Anzjani**

Romina Galea

Attivitajiet kull xahar għall anzjani
li ssir Għaqda tan-nanniet
Attività ta'ċelebrazzjoni għall anzjani li jkunu twieldu matul ix-xahar u kartolina.
Attività Dar tal-Anzjani

4.5.01c **Edukazzjoni**

Judy Sciberras

Żjarat kulturali
Parteċipazzjoni kulturali
WasteServ bins

4.5.01d **Indafa / Servizzi / Integrazzjoni / Komunitajiet**

Margaret Baldacchino Cefai

Tabelli li jinkludu tagħrif fuq l-skeda u messaġġ dwar l-skart go kull triq.

kampanja edukattiva dwar l-skart u fuljetti ġodda
tiżdied l-skeda tal-knis b aktar ġranet
Jiġi kunsidrat u Jibda ssir ħasil fit-toroq kull numru ta ġimghat jew xhur.

Fejn hemm bżonn Jinbidlu u jiżdiedu l-bins
Fejn hemm bżonn Jinbidlu u jiżdiedu id-dog bins
Jiġi introdott trasport għall komunità bejn is-Swatar u l-Imsida
Tikber il-binja tal-kunsill għall bżonnijiet tal-lum bil-ħsieb ta'servizzi ġodda li għad jiġu introdotti

4.5.01e **Infrastruttura / Proġetti / Siti ta kostruzzjoni / Traffiku / Għajn tal-Ħasselin / Monument GWU**

Emanuel Brincat

Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-Bankini ,bollards u tabelli u oħrajn
Programm biex ssiru il-marki ta'toroq darbtejn fis-sena ssir sejħa għall tender biex dan ikun jista' ssir
Programm ta manutenzjoni għall funtani , monument u siti oħra li jistgħu ssiru min skemi
Xogħol u proġetti oħra li il-kunsill jistax jikseb min entitajiet oħra

4.5.01f **Innovazzjoni / Ħarsien tal-annimali**

Charles Selvaggi

Programm ta'konsultazzjoni biex ikun hemm kollaborazzjoni u sehem akbar min tal-ħwienet b'risq il-lokalita
Villaġġ tal-Milied

Miżuri biex ikun hemm aktar faċilitajiet għall klieb u qtates
Aktar użu kreattivi mill pjazza.

4.5.01g **Kultura / Dawl ta'Toroq**

Jean.C.Borg

Jiżdied id-dawl fil pjazza u ħdejn il-Junior College
Biex jissewwa id-dawl tal-milied eżistenti li għandu il-kunsill u jiżdied.

Programm ta'proġetti biex ssir tiżjin għall milied min materjal riċiklat

Attivitajiet sajf fil-pjazza
Attività għall Karnival go l-Imsida

4.5.01h **Qassam Soċjali / Persuni B'diżabilità.**

Maurice Agius

Kien skużat

4.5.01i **Sports / Attivitajiet fiżiċi / Zghazagh / tfal**

Nicholas.J. Chircop

Attivitajiet sportivi u fiżiċi fil-pjazza
Servizz ta' leżjonijiet lit-tfal
Kunsill ta'tfal u Zghazagh
Proġetti amalgamati ma' Systems of Knowledge.

4.5.02 Il-Kunsill Lokali ddiskuta meta għanda ssir il-laqgħa għar-residenti fejn qablu li din għanda ssir it-Tnejn 30 ta' Settembru fil- 05:30pm.

4.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar intervista li saret ma impjegata li tokkupa il-pożizzjoni ta skrivan skala 15 BB li applikat għas-sejħa interna għall skrivan skala 15 FT fejn din sodisfatt il-kriterji neċessarji li saret mil bord rappreżentant tal-kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

4.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 2nd Qtr : Financial indicators 1st Jan to 30th June 2019 u reviżjoni tal-Estimi.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 42% li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li saru xi reviżjonijiet żgħar fl-estimi u il-ħsieb biex ikun hemm mwarrab ammont ta'riserva biex jagħmel tajjeb u jevita problema ta'cash flow meta ssir ħlas għall proġetti finanzjati min fondi oħra li ma jiġux mgħoddija mal-ewwel.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw ir-rapport.

**4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

4.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-04 ta’ ħlasijiet bejn 31 ta' Lulju sa 19 ta'Awissu 2019 .Għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Alfred Farrugia , u s-sekondat mis-Sur Sur Charles Selvaggi .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

**4.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

4.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 30 ta' Settembru wara il-laqgħa pubblika.

Minuti konfermati, illum 30 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |